MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 67/2003/1

**Antoinette Farrugia f'isimha u bhala kuratrici tal-interessi**
**ta' zewgha Angelo Farrugia**
**u b'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Frar, 2004,**
**giet nominata bhala kuratrici ad litem**
**biex tirraprezenta lill-minuri Donna Lee Farrugia**

**v.**

**Nicholas Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-attrici pprezentat fit-22 ta' Jannar, 2003, u li jaqra hekk:

"Premess illi l-attrici hija mart Angelo Farrugia li kien jahdem bhala burdnar.

"Premess illi l-imsemmi Angelo Farrugia gie interdet b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili bin-numru 1966/2002 hawn anness u mmarkat Dok. A.

"Premess illi per konsegwenza tal-interdizzjoni generali ta' Angelo Farrugia giet appuntata bhala kuratrici tal-beni u interessi kollha tieghu l-istess martu attrici u cioe' Antoinette Farrugia.

"Premess illi fis-7 ta' Settembru, 2001, Angelo Farrugia kien jehtieglu li jixtri ammont ta' trab/xahx liema trab/xahx huwa mar jixtri mill-barriera sitwata fl-Imqabba, proprjeta' tal-konvenut Nicholas Farrugia.

"Premess illi dakinhar stess u cioe' nhar is-7 ta' Settembru, 2001, meta Angelo Farrugia, fil-fatt mar fl-imsemmija barriera, il-konvenut kien prezenti u sahansitra beda jidderigi lil Angelo Farrugia fl-imanuvrar tat-trakk misjuq minnu stess.

"Premess illi hin minnhom, il-konvenut talab jew ahjar ta' struzzjoni lil Angelo Farrugia sabiex jinzel mit-trakk u jnehhi '*wire*' tad-dawl li kien ghaddej min-nofs il-barriera.

"Premess illi adempjiment ma' dawn l-istruzzjonijiet Angelo Farrugia nizel mit-trakk u ghamel sabiex inehhi l-imsemmi '*wire*', b'dana biss illi appena miss l-imsemmi '*wire*' huwa sofra xokk elettriku u dan b'dannu gravi ghall-persuna tieghu.

"Premess illi Angelo Farrugia sofra dizabilita' ta' natura permanenti hekk kif ser jigi ppruvat sodisfacentament fit-trattazzjoni tal-kawza u dana unikament minhabba imperizja, negligenza, u non osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

“1. Tiddikjara li l-incident li sehh nhar is-7 ta’ Settembru, 2001, gewwa barriera fl-Imqabba ghad-dannu ta’ Angelo Farrugia sehh unikament b’responsabbilta’ tal-konvenut u dana minhabba imperizja, negligenza, u non osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut.

“2. Tillikwida d-danni sofferti minn Angelo Farrugia u dan, jekk ikun hemm il-htiega, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

“3. Tikkundanna l-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 109/03 u tal-mandati bis-sekwestru bin-numru 110/03 u bl-imghax u bil-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Fl-ewwel lok, illi l-attrici Antoinette Farrugia, in kwantu qed tagixxi f’isimha proprio ma ghandhiex locus standi fil-gudizzju u ghalhekk l-eccipjent ghandu fl-ewwel lok, fil-konfront taghha, jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra taghha.

“2. Bla pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, l-incident tas-7 ta’ Settembru, 2001, imsemmi fic-citazzjoni attrici, ma garax bi htija tal-eccipjent li ghalhekk ma ghandu ebda responsabbilta’ ghall-istess incident u anqas ghad-danni konsegwenzjali.

“3. L-imsemmi incident gara unikament bi htija tal-istess Angelo Farrugia, li kien imprudenti u negligenti u bl-operat tieghu kkawza l-incident de quo u konsegwentement il-hsara fizika li effettivament garrab.

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra u b’riserva illi l-eccipjent jiehu mizuri skond il-ligi fir-rigward tal-mandati riferiti fic-citazzjoni.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Ottubru, 2010, li in forza taghha laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas, in linea ta’ danni, is-somma ta’ €189,843.99, bl-ispejjez jithallsu mill-konvenut;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Ikkunsidrat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-verbali tas-seduti quddiem iz-zewg periti.

“Ikkunsidrat illi din il-kawza qed issir minn Antoinette Farrugia kontra hu l-mejjet zewgha Nicholas Farrugia. Dan tal-ahhar huwa sid il-barriera, fejn zewgha korra gravi b’xokk elettriku qawwi li fis-7 ta’ Settembru, 2001, il-mejjet kien mar fil-barriera biex jghabbi vjagg trab, dan bl-ghajnuna ta’ huh u neputih Oliver. Sabiex jitghabba t-trab, Nicholas Farrugia kien qed juza gaffa. Jirrizulta li fuq il-munzell tat-trab, li kienu qed jghabbu minnu, kien hemm “armoured *cable*” tal-elettriku li Michael Angelo u Oliver kellhom iressqu minn fuq il-munzell tat-trab. F’din l-operazzjoni, Michael Angelo b’xi mod qata’ “neutral return *wire*”, li kien imkebbeb mal-*cable*. Il-qtugh ta’ dan in-*neutral wire* u l-kuntatt mal-“copper core” irrizultaw f’xokk elettriku qawwi. Jirrizulta li l-vittma kien hafi u l-art kienet umda. Michael Angelo intilef minn sensih. Baqa’ f’coma sakemm miet sentejn wara fis-17 ta’ Settembru, 2003. L-attrici, ghalhekk, istitwiet din il-kawza ghad-danni.

“L-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenut hija li l-attrici f’isimha proprju m’ghandhiex locus standi fil-gudizzju. Il-Perit Legali ikkunsidra din l-eccezzjoni fit-tul. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-Perit Legali li jiskarta din l-eccezzjoni u dan partikolarment in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-mewt sehhet sentejn wara l-incident u wara li nbdew il-proceduri. Din il-Qorti tqis li l-mara kellha kull dritt tittutela l-interessi taghha u ta’ zewgha fil-komunjoni tal-akkwisti.

“Skartata din l-eccezzjoni preliminari, din il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra l-mertu tal-kawza.

“<u>Responsabbilta’</u>

“Il-konvenut kien sid il-barriera fil-mument tal-incident u l-licenzja tal-istess kienet tinnomina lilu. Il-provvista tad-dawl kienet ukoll f’ismu. Jirrizulta li Michael Angelo sofra x-xokk hu u jqandel il-*cable*.

“L-espert tekniku jispjega hekk:

“F’dan l-istadju jigi spjegat illi peress li l-muturi tas-segi li jaqtghu l-gebel huma ‘3-phase’ u per se ma jirrikjedu ebda ‘return *neutral wire*’ sabiex jahdmu, l-uzu ta’ ‘3-core armoured *cable*’ minghajr ‘neutral core’, hu sa certu punt sufficjenti, barra li huwa orhos minn ‘4-core armoured *cable*’. Izda sabiex jithaddmu apparati ohra essenzjali ghax-xoghol tal-barriera, bhal ma huma ‘conveyors’, ‘floodlights’ u ‘handtools’, li kollha joperaw fuq provista elettrika ta’ 240 Volt, ‘single phase and neutral’ ikun jehtieg ‘*neutral wire*’. Izda peress li t-‘3-core *cable*’ ma jinkludix in-‘neutral’, gie ghalhekk mizjud ‘single core *neutral wire*’, li allura gie mkebbeb madwar it-‘3-core *cable*’ ezistenti biex jigi pprovdut in-‘neutral’. Kien proprju minn dan in-‘*neutral wire*’, illi Michael Angelo Farrugia rcieva x-xokk elettriku”.

“L-espert tekniku jghid ukoll:

“Il-prattika fejn in-‘*neutral wire*’ jitkebbeb ma’ ‘power *cable*’ u specjalment meta l-‘insulation’ ta’ dan il-‘*wire*’ ma tkunx protetta mekkanikalment permezz ta’ ‘sheath’ jew ‘armour’ tal-metall u aktar, meta dan il-‘*wire*’ jigi nstallat go barriera tal-gebel, hija bla dubju konsidrata bhala prattika perikoluza, barra illi ma hiex konformi mar-Regolamenti tal-Provista tal-Elettriku Vigenti.

“Fattur iehor importanti li kkontribwixxa jew li ma pprevenix l-incident tax-xokk elettriku qawwi li rcieva Michael Angelo Farrugia, kien in-nuqqas ta’ protezzjoni

awtomatika kontra x-xokkijiet elettrici, bhal dik illi joffri l-‘earth leakage circuit breaker’, li hu maghruf bhala ‘salvavita’ jew ‘RCD’ (Residual Current Device). Ghalkemm jidher li kien hemm apparat ta’ din ix-xorta nstallat fil-barriera in kwistjoni, madanakollu dan l-apparat ma ffunzjonax sabiex jittrippja c-cirkwit tal-’floodlights’, meta l-vittma ghamel kuntatt ma’ parti minn dan ic-cirkwit u cioe’ ma n-‘*neutral wire*’. Dan seta’ gara ghaliex, jew dan l-apparat kien difettuz, jew ghaliex is-sensittivita’ ta’ dan l-apparat ma kinitx adekwata sabiex dan jittrippja, meta l-‘earth leakage current’, icken mis-sensittivita’ tieghu, izda li hu qawwi bizzejjed sabiex joqtol bniedem, jghaddi minn gewwa fih”.

“Dawn il-Qrati, konsistentement irritenew illi ma hemm ebda dubju li min ghandu fir-responsabbilta’ tieghu, il-gestjoni ta’ xi azjenda qieghed fid-dmir li jipprovdi ambjent sigur u bla perikli, kemm ghal dawk il-persuni li jahdmu fl-istess azjenda kif ukoll ghal min izur, kemm saltwarjament kif ukoll fuq bazi regolari.

“Fil-kaz in ezami, inoltre, l-A.L. 52 tal-1986, promulgat taht l-Ordinanza Dwar il-Fabbriki jipprovdi illi:

“Huwa dmir ta’ kull min ihaddem li jmexxi l-azjenda tieghu filwaqt li jizgura, b’mod ragjonevoli u prattiku, li persuni li ma jkunux impjegati tieghu, izda li jistghu jintlaqtu minn xoghol tieghu, ma ghandhom ikunu bl-ebda mod esposti ghal riskju f’sahhithom jew ghas-sigurta’ taghhom”.

“L-abbli difensur tal-konvenut isostni fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu illi Michael Angelo Farrugia nnifsu kien imprudenti u negligenti fl-operat tieghu u ghalhekk ikkawza hu stess il-hsara. Il-Qorti tifhem illi Michael Angelo Farrugia kien midhla tal-Barrieri, pero’, kif jixhed Oliver Farrugia, iben il-konvenut “kienet l-ewwel darba li Anglu ghen fic-caqliq tal-*wire*” (fol. 63), kellu kemm kellu esperjenza fil-barrieri, Michael Angelo qatt ma kien ghamel il-manuvra tal-garr ta’ dak il-*cable* f’dik il-barriera. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, madanakollu, dan il-fatt ma jezonerax lill-konvenut bhala operatur tal-barriera mir-responsabbilta’ tieghu. Il-fattur li wassal ghall-incident

kienet l-istallazzjoni elettrika difettuza. Ta' din kien responsabbli l-konvenut.

"Fl-isfond ta' dawk ic-cirkostanzi, il-Qorti taqbel mas-sejba ta' responsabbilta' li wasal ghaliha il-Perit Legali.

"Sussidjarjament, l-istess konvenut iressaq il-possibilita' ta' responsabbilta' kontributorja qawwija peress illi Michael Angelo Farrugia garr il-*cable* hazin u dan meta ma kienx liebes *safe*ty boots. Il-konvenut jidher li jippernja dan l-argument fuq para (xiv) tar-relazzjoni tal-perit tekniku li testwalment tghid:

"xiv) Sabiex ikun inghad kollox dwar responsabbilta' ghall-incident, il-vittma ghandu ukoll igorr parti mir-responsabbilta, peress li mill-mod u mill-indikazzjonijiet ta' kif sehh il-kaz, jidher li l-vittma nnifsu kien pjuttost traskurat u negligenti fit-tqandil tal-*cable* jidher ukoll illi minn jeddu, il-vittma pprova jgannat in-'*neutral wire*' bla ma ha l-prekawzjonijiet ta' sigurta' mehtiega u aktar meta hu ma kellux il-hila jew ma kienx kompetenti fix-xoghol tal-elettriku........".

"Minn dan jidher li l-perit tekniku jibbaza l-asserzjoni tieghu fuq il-possibilta' li l-mejjet ipprova jgannat il-*wire*. Din ma tirrizulta minn imkien mill-provi lanqas mix-xhieda tal-istess konvenut u ibnu Oliver li kienu ezatt fil-post fil-hin tal-incident. Ghal din ir-raguni, il-Qorti qed tiskartha.

"Il-perit tekniku jsemmi ukoll il-fatt li Michael Angelo Farrugia ma kienx liebes *safe*ty boots, u li kieku kien, ix-xokk elettriku ma kienx ikun daqshekk qawwi. Din il-Qorti, hawnhekk tirreferi ghall-awtur Ingliz Charlesworth fil-ktieb "The Law of Negligence", fejn rigward il-principju ta' "violenti non fit injiuria" jghid hekk:

"The plaintiff does see a danger created by the negligence of the defendant, but decides to run the risk of it. If, after deciding to run it, he does not exercise reasonable care, he is guilty of contributory negligence and may be unable to recover on that ground".

"F'dan is-sens ukoll, esprimiet ruhha l-Qorti tal-Appell fil-kawza "Anthony u martu Margaret Turner u Jane u Mary u Liliana ahwa Turner fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejta Carmen Turner vs Francis Agius", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2003.

"Fil-kaz odjern, ir-riskju ma kien prevedibbli bl-ebda mod ghall-mejjet, u ghalhekk ma jistax jinghad li kkontribwixxa. Il-fattur tas-*safe*ty boots ma jistax ghalhekk jinghata piz.

"Ghaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma illi r-responsabbilta' tal-incident hija kollha ta' Nicholas Farrugia.

"<u>Danni</u>

"Ghar-rigward ta' damnum emergens, il-Perit Legali stabbilixxa l-ammont ta' €11,646.87 (Lm5000) bhala differenza bejn dak li kien jaqla' meta kien jahdem Michael Angelo Farrugia u d-dhul mill-pensjoni li ppercepixxa matul il-perjodu li ssopraviva wara l-incident. Fil-kalkolazzjoni tal-lucrum cessans, din il-Qorti taghmel pjena referenza ghall-principji stabbiliti minn dawn il-Qrati kif konsiderati mill-abbli Perit Legali, partikolarment il-kawzi "Mario Mizzi et vs Paul Genovese et", deciza 22 ta' Marzu, 2002, u "Carmela Attard et vs Stephen Micallef", deciza 22 ta' Marzu, 2002.

"Fid-dawl tal-principji imsemmija, din il-Qorti qed taddotta *multiplier* ta' 17-il sena, stante li Farrugia kellu 44 sena fil-mument tal-incident. L-ahhar qliegh ta' Farrugia kien ta' €11,646.87 (Lm5000). Il-Qorti taqbel hawnhekk mal-Perit Legali li ma ssir ebda zieda fil-kalkolu tal-qliegh u dan in vista tal-fatt li tul is-snin l-armla kienet qed tircievi pensjoni, kwindi;

"€11,646.87 x 17-il sena = €197,996.74.

"Konsiderazzjoni li qed isir ghar-rigward ta' lump sum payment, il-Qorti tqis adegwat li jitnaqqsu 2% ghal kull sena li ttul il-kawza wara l-ewwel tlett snin, b'dana illi ghalhekk ghandhom jitnaqqsu 10%.

"€197,996.74 jitnaqqsu €19799.674 = €178197.1."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghogobha:
"... ... ... takkolji l-odjern appell billi thassar u tirrevoka ghal kollox is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 7 ta' Ottubru 2010 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi kwindi tirrespingi t-talbiet attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenut appellant u konsegwentement tiddikjara li l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghal konsegwenzjali danni kawzati. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attrici appellata."

Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi (xotti kemm huma xotti!) qalet illi s-sentenza hija wahda gusta u legalment korretta u ghalhekk jisthoqqilha li tigi kkonfermata fl-intier taghha;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi dan il-kaz jitratta incident li sehh fis-7 ta' Settembru, 2001, meta Angelo Farrugia, ir-ragel tal-attrici Antoinette Farrugia, mar fil-barriera ta' huh, Nicholas Farrugia, biex jghabbi vjagg trab.

Fuq il-munzell trab kien hemm *cable* li Angelo Farrugia gie mitlub iwarrab sabiex il-konvenut, li kien qed isuq gaffa, ikun jista' jigbor it-trab. Jidher li, f'din l-operazzjoni, Angelo Farrugia mess u qata' "neutral return *wire*" li kien imkebbeb mal-*cable*, b'konsegwenza li ha xokk elettriku qawwi, u ntefa' f'coma sa ma miet fis-17 ta' Settembru 2003. L-ewwel Qorti sabet lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident u kkundannatu jhallas lill-atturi s-somma ta' kwazi €190,000 in linea ta' danni.

Il-konvenut appella mis-sentenza u qed jikkontesta kemm is-sejbien tar-responsabbilita` kif ukoll il-likwidazzjoni tad-danni.

Il-konvenut jghid li hu m'ghandux responsabbilita` peress illi, skont hu, il-kawza tal-incident kienet unikament il-komportament negligenti da parti tal-istess vittma meta pprova jgannat *wire*, x'aktarx minnu stess maqtugh, b'subghajh stess mhux protetti permezz ta' ngwanti u b'saqajh hafjin minghajr *safe*ty boots. Din il-Qorti tara, pero`, li dan l-argument tal-konvenut hu bazat fuq ipotesi, mibnija fuq l-allegazzjoni li Angelo Farrugia "x'aktarx" qata' l-*wire*, u probabbli pprova jsewwi l-istess b'subghajh ghax kellu sinjali ta' hruq fuq is-swaba u mhux fuq il-pala tal-id. Il-manuvrar tal-*wire* veru sar minn Angelo Farrugia, pero` kien il-konvenut li qallu biex iwarrab il-*wire*, u dan bl-ghajnuna ta' iben il-konvenut, sabiex ikun jista' jigbor it-trab bil-gaffa, u talbu jaghmel dan meta Angelo Farrugia qatt ma mess *wire* ta' dik il-kapacita` qabel, u, aktar minn hekk meta s-sistema tal-elettriku fil-barriera kienet difettuza.

Jirrizulta fil-fatt li l-*cable* kien 3-*core armoured cable b'single core neutral wire* mkebbeb mieghu. Dan il-*wire* ma kienx protett mekkanikalment permezz ta' *sheath* jew *armour* tal-metall, prattika li l-espert tekniku, mahtur mill-ewwel Qorti biex jassistiha fl-indagni tal-kaz, iddeskriva bhala "perikoluza" u mhux konformi mar-regolamenti in materja. Il-konvenut accetta fiz-zona industrijali tieghu barrani meta kellu sistema tal-elettriku "perikoluza", u involva lil dan f'operazzjoni vicin *cable* difettuz, u dan meta kien jaf li dan il-barrani ma kienx liebes ingwanti u lanqas *safety boots*. Jirrizulta wkoll li l-konvenut fil-barriera ma kellux '*earth leakage circuit breaker*' (kommuniment maghrufa bhala '*salvavita*') jiffunzjona tajjeb jew ghax kien difettuz jew ghax kellu s-*setting* tas-sensittivita` tieghu mhux kalibrat sew. Kien f'dan l-ambjent li Angelo Farrugia thalla jidhol, u ghalkemm dan, forsi, kellu certa kunfidenza peress li l-barriera kienet ta' huh, il-konvenut kellu jadotta attenzjoni akbar fil-konfront tieghu u ma jafdahx vicin *cable* perikoluz u maghmul kontra s-sengha.

Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li ma tistax tqis li l-vittma kkontribwixxa ghall-incident. Veru li ma kienx liebes ingwanti u *safety boots*, pero`, Angelo Farrugia ma marx fil-barriera bil-hsieb li jcaqlaq *cable* tal-elettriku perikoluz, u kien dover tal-konvenut li jara, fl-ewwel lok, li ma jhallix espost ghall-barranin *cable* perikoluz, u fit-tieni lok, li jara li hadd ma jmiss jew iccaqlaq *cable* perikoluz, specjalment meta dan il-*wire*, jirrizulta, kien jinqata' regolarment. Jekk irid jiehu riskju hu, affari tieghu, pero`, il-konvenut kellu jassigura li hadd ma jersaq vicin dak il-*cable*. Il-fatt li Angelo Farrugia pprova minn jeddu jgannat in-'*neutral wire*', lanqas ma tabbiegh b'certa responsabbilita`, ghax ma jirrizultax li l-konvenut ra l-periklu u ddecieda jiehu c-cans. Kif inghad, ma jirrizultax li Angelo Farrugia kien bniedem li jifhem fl-elettriku, u lanqas ma jirrizulta li hu kien jaf li l-*cable* kien perikoluz. Min-naha l-ohra, bhala sid tal-barriera, u bhala l-persuna li fuqha kellha l-licenzja ghall-qtugh tal-blat, il-konvenut kellu responsabbilta` legali li jara li kollox ikun '*safe*', u meta hu naqas milli jonora din l-obbligazzjoni, ma jistax iwahhal f'xi hadd li mess *wire* maqtugh, meta dan ix-xi hadd thalla jidhol fiz-zona bil-permess tieghu, u di pui`, thalla vicin u jaqbad *cable* li kien jaf jew kellu jkun jaf li kien perikoluz. L-allegati nuqqasijiet ta' Angelo Farrugia ma kienux il-kawza prossima u immedjata tas-sinistru fih innifsu; dawn kienu l-istat perikoluz tas-sistema tal-elettriku. Kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza fit-18 ta' Settembru 2012, b'riferenza ghal dak li ntqal fil-ktieb "Markesinis and Deakin's Tort Law":

"*Where damage results from multiple causes the courts often resort to the test of 'but for cause' – would the loss have been incurred but for the defendant's negligence. This notion is based on the view that a defendant should be liable only to the extent that it can be shown that his conduct was a condition of the claimant's hurt.*"

F'dan il-kaz, li ma kienx ghas-sistema tal-elettriku perikoluza li kellu fil-barriera l-konvenut u ghall-kondotta azzardata tieghu, l-incident u d-danni ma kienux issehhew.

Fir-rigward tal-appell dwar il-*quantum* tad-danni, il-konvenut iressaq tlett aggravji marbuta mal-(i) il-*multiplier*; (ii) il-kwistjoni ta' *dependency* u (iii) il-fattur ta' *personal consumption*.

Fil-kuntest tal-*multiplier*, hu veru li ma hemmx formula preciza li taghti kriterji precizi, pero` hija regola li fil-fissazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu qies tac-"*chances and changes of life*". Meta tipprogetta ghall-futur tkun dhalt fl-incert. Il-figura tal-*multiplier* ghandha tigi applikata b'ghaqal biex jigi stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-parti lesa u l-obbligu ta' min ikun responsabbli ghall-hsara. Ma ghandhiex twassal sal-eta` tal-irtirar ghax f'dan il-kamp ma hemmx xi certezza dwar ghexieren ta' snin futuri. Kwindi, ghall-persuna li kellha 44 sena fil-mument tal-incident, tara li figura ta' 14 tkun aktar ekwa minn dik ta' 17 li adoperat l-ewwel Qorti.

Fil-kuntest tad-"*dependency issue*", hawn si tratta minn persuna li kienet kap tal-familja, u kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Turner v. Agius**, deciza fit-28 ta' Novembru, 2003, meta jkun hekk, mhux kaz ta' tnaqqis ghax l-atturi, l-armla u l-ulied, kienu fil-fatt jiddependu fuqu ghall-ghixien taghhom. Din il-Qorti ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward.
"*Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li, minnu din tkun qeghda tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja li qeghdha tghix fi hdanha u li fin-normalita` tal-hajja l-probabbilita` tkun li din tiehu l-istat taghha jew tmur tghix ghal rasha.*"

Il-fatt li l-armla qed tirclevi pensjoni huwa irrilevanti ghax fil-kalkolu tad-danni dak li l-vittma jista' jiehu mill-Gvern bhala beneficcji socjali jew pensjoni ma ghandux jittiehed in konsiderazzjoni. L-armla u t-tifla kienu totalment dipendenti fuq Angelo Farrugia ghall-ghajxien taghhom, u

din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkostanzi, ghandha tordna xi tnaqqis minhabba dan il-fattur.

Fir-rigward ta' tnaqqis ghal "*personal consumption*", li l-ewwel Qorti dan ma qiesitux, din il-Qorti terga' tirreferi ghall-kaz **Turner v. Agius**, aktar qabel imsemmi, fejn din il-Qorti ma qablitx mas-sentenza in prim istanza li ma kienet naqqset xejn ghal dan il-fattur. Din il-Qorti qalet hekk a propozitu:

"*21. Din il-Qorti, filwaqt li tapprezza l-argomenti li l-ewwel Qorti gabet biex timmotiva d-decizjoni li hadet dwar tnaqqis ghal fini ta' konsum fis-sens li timxi differentement minn kif evolviet il-gurisprudenza Maltija f'kazi simili, ma tikkondividix dan il-hsieb li jwassal biex igib strapp mhux gustifikat f'dik li hi prassi stabbilita fil-istess gurisprudenza. Jekk l-argument huwa li l-vittma potenzjalment kien ser ikollha somma a disposizzjoni taghha, parti minnha zgur kienet ser tigi minfuqa u ghalhekk isegwi li tnaqqis ikkalkulat f'percentwal ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) huwa wiehed realistiku. Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ammont ta' Lm31,200 fuq imsemmi ghandu jonqos bi kwart, jigifieri jinzel ghal Lm23,400.00c.*"

Anke hawn, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tnaqqas 25% bhala rata ta' konsum misthajjel li l-vittma kienet "tiekol" jew "tonfoq" mill-kapital likwidat.

Il-kumpens *lucrum cessans* ghandu ghalhekk jinhadem hekk: €11,646.87x14-25%-10%=€110,062.93.

Id-*damnum emergens* jibqa' €11,646.87 kif ikkalkulatu l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tilqa' l-istess biss in parte u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza, ghall-fini tat-tielet u r-raba' talba attrici tillikwida d-danni fl-ammont ta' mija u wiehed u ghoxrin elf seba' mija u disa' ewro u tmenin centezmu (€121,709.80), u mhux kif stabbilit mill-ewwel Qorti u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi din

is-somma ta’ mija u wiehed u ghoxrin elf seba’ mija u disa’ ewro u tmenin centezmu €121,709.80, in linea ta’ danni, bl-imghax legali millum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut appellant Nicholas Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------